MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 64

L-Erbgha, 15 ta' Mejju, 2019

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (2)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Leanne Abela Grech (LAG) | Kunsillier |
| Is-Sur Johann Borg (JBO) | Kunsillier |

ASSENTI
Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Is-Sur Duncan Hall – Deputat Segretarju Ezekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 64.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

64.1.1 Permezz ta' e-mail datat 15 ta' Mejju 2019, il-Kunsilliera Leanne Abela Grech talbet lill-Kunsill Lokali jiggustifika n-nuqqas taghha mis-seduta. Il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi n-nuqqas tal-Kunsilliera Grech kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

64.1.2 Permezz ta' e-mail datat 15 ta' Mejju 2019, il-Kunsillier Johann Borg talab lill-Kunsill Lokali jiggustifika n-nuqqas tieghu mis-seduta. Il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi n-nuqqas tal-Kunsillier Borg kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

## 64.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

64.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti tas-sitta u tletin (63) laqgħa tal-Kunsill li ġew ċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

64.2.2 Il-Kunsillier Alex Caruana ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera Josette Baldacchino favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament. Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhal dokument korrett

## 64.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

64.3.1 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz ta' pjanta li kienet tindika zvilupp li Malta Freeport kien qieghed jipproponi li jimplimenta fiz-zona ta' Wied il-Buni. Kien hemm diskussjoni libera dwar il-materja u gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jaqbel fil-principju mal-proposti.

## 64.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

64.4.1 Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa lill-Kunsill Lokali dwar eventwali zviluppi li kien hemm b'konnessjoni ma' minuta 63.4.2
Il-Kunsillier Caruana gie infurmat illi hekk kif maqbul kienet intbaghtet ittra lill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk.

64.4.2 Il-Kunsillier Stanley Zammit staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kienx hemm xi zviluppi rigward minuta 63.4.25.
Wara li s-Sur Zammit gie infurmat illi kienet ghadha ma ntbaghtitx l-applikazzjoni, gie deciz illi kellha tintbaghat ittra lill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk bil-ghan illi kemm il-darba jkun hemm qbil jinqasmu l-ispejjez.

64.4.3 Is-Sur Alex Caruana staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi rigward minuta 63.4.3.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi kien qieghed jahdem fuq il-materja u l-Kunsill Lokali kellu jircievi l-istimi ghax-xogholijiet f'qasir zmien

64.4.4 Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa jekk kienx hemm zviluppi rigward minuta 63.4.8.
Wara diskussjoni libera dwar il-materja, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha tintbaghat ittra lil Transport Malta dwar il-materja bil-ghan illi l-bus shelter jigi mcaqlaq.

64.4.5 Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa lill-Kunsill Lokali informazzjoni dwar mizura 1 (Restoration of assets of artistic and cultural value) li l-Kunsill Lokali kien iddiskuta fis-seduta precedenti.
Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera, ma kienx hemm qbil dwar ir-restawr li l-Kunsill Lokali kellu japplika ghalih. Gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jitlob il-parir tal-perit tal-Kunsill Lokali u l-materja tkompli tigi diskussa permezz ta' posta elettronika.

64.4.6 Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa dwar patching fi Sqaq fi Triq il-Qroll.
Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi kien ser ikun qieghed jiehu hsieb il-materja f'isem il-Kunsill Lokali.

64.4.7 Is-Sur Alex Caruana sahaq illi mill-informazzjoni li kellu l-kunsill Lokali ma kienx korrett meta ddiskuta l-grawnd tal-futbol li kien hemm fil-bajja s-sabiha.
Segwiet diskussjoni libera li matulha giet diskussa l-materja. Is-Sindku tenna illi l-pozizzjoni tal-Kunsill Lokali kienet wahda korretta u l-Kunsill Lokali kellu eventwalment jiddiskuti l-materja f'legislatura gdida.

64.4.8 Is-Sur Alex Caruana staqsa rigward il-progett pilota li l-Kunsill Lokali kien qieghed jimplimenta flimkien mas-CSD.
Kien hemm diskussjoni libera li matulha gie diskuss il-mod li bih kienu qieghdin jitharrku n-nies. Filwaqt li kien hemm qbil li s-servizz kellu jitkompla hekk kif deciz kellha tigi ssorveljata s-sitwazzjoni

64.4.9 Il-Kunsilliera Josette Busuttil staqsiet rigward minuta 63.4.15 li kienet tikkoncerna Triq San Lucjan
Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jibghat korrispondenza lil Transport Malta dwar il-materja.

64.4.10 Il-Kunsilliera Josette Busuttil staqsiet jekk kienx hemm xi zviluppi rigward minuta numru 63.4.16
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi galadarba Transport Malta ma kenitx hadet azzjoni, l-Kunsill Lokali kellu jiehu hsieb li jehlu bollards tal-plastik fiz-zona in-kwisjtoni.

64.4.11 Il-Kunsilliera Josette Busuttil staqsiet lill-Kunsill Lokali gwida rigward problema ta' drenagg fiz-zona tal-bajja ta' San Gorg.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali dwar il-materja, inkluz it-tqeghid ta' xibka .

64.4.12 Il-Kunsilliera Josette Busuttil staqsiet lill-Kunsill Lokali dwar eventwali zviluppi li seta' kien hemm b'konnessjoni ma' bankijiet li l-Kunsill lokali kellu jibdel fiz-zona tal-Qajjenza.
Is-Sindku spjega li kien ghaddej xoghol fuq il-materja u l-bankijiet il-godda kellhom jigu mwahhla f'qasir zmien.

64.4.13 Il-Kunsilliera Josette Busuttil staqsiet lill-Kunsill Lokali dwar problema ta' parkegg li kien hemm fi Triq San Mikiel.
Is-Sindku ghadda informazzjoni lill-Kunsill Lokali dwar il-materja.

64.4.14 Il-Kunsillier Stanley Zammit staqsa lill-Kunsill Lokali eventwali zviluppi li seta' kien hemm b'konnessjoni ma' *traffic calmers* li dwarhom kien hemm l-approvazzjoni ta' Transport Malta.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv spjega illi r-rati tal-asfaltar ma kienux inkluzi fil-kuntratt li l-Kunsill Lokali kien ghadu kemm iffirma ma' Dimbros Ltd. Ghaldaqstant il-possibilitajiet li kellu l-Kunsill Lokali kienu li jaghmel ix-xoghol permezz ta' kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu ma Polidano Bros. Ltd. jew li jingabru stimi mill-gdid.

64.4.15 Il-Kunsillier Stanley Zammit informa lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li kien hemm b'konnessjoni ma' peredstrian crossing li kienet giet diskussa f'minuta 63.4.9.

64.4.16 Il-Kunsillier Stanley Zammit staqsa dwar l-eventwalita' li jsir ix-xoghol fuq bridge fi Triq il-Qoton skont minuta 63.4.24.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi fiz-zona kien hemm hsarat kbar u kien hemm il-htiega illi jitnaddaf il-wied u ssir manutenzjoni fuq il-pilastri. Kien hemm qbil illi kellha tintbaghat talba lill-Ministeru tal-Ambjent bil-ghan illi tigi evalwata l-possibilita' illi l-istess Ministeru jaghmel il-manutenzjoni mehtiega.

64.4.17 Il-Kunsillier Stanley Zammit informa lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li kien hemm b'konnessjoni ma' Cirkulari SPI07/2019 li kienet tikkoncerna skema ta' finanzjament ta' irrigazzjoni.

64.4.18 Il-Kunsillier Stanley Zammit talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jsir patching fi Triq il-Haddiema.
Is-Sindku f'isem il-Kunsill Lokali spjega lill-Kunsill Lokali dettalji dwar il-materja.

64.4.19 Is-Sur Joseph Baldacchino staqsa dwar xogholijiet li kien jinhtieg li jsiru fi Triq Birzebbuga.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ir-Regjun Nofsinhar jibghat il-haddiema assenjati kien ser ikun qieghed isir ix-xoghol imsemmi

64.4.20 Il-Vici-Sindku staqsa lis-Sindku u Deputat Segretarju Ezekuttiv dwar dak li kien sehh matul iz-zjara taghhom fic-Cina.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv spjega lill-Kunsilliera dak li kien gie diskuss u infurmahom illi kien ser ikun qieghed isir rapport relatat maz-zjara liema rapport kien ser jigi mghoddi lill-Kunsilliera

64.4.21 Il-Kunsillier Johann Borg informa lill-Kunsill Lokali illi kien qieghed ikun hemm numru ta' boroz bl-iskart imhallat fil-litter bins fi Gnien l-Indipendenza u staqsa lill-Kunsill Lokali jekk setax isir xi haga sabiex is-sitwazzjoni tigi ratifikata.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi z-zona kellha tkun inkluza fil-progett pilota ta' monitoragg li l-Kunsill Lokali kien qieghed jimplimenta flimkien mal-Cleansing Services Department.

64.4.22 Il-Vici-Sindku talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jerga' jibghat rapport lil-ERA u l-Ministru responsabbli mill-Ambjent rigward leakages taz-zejt li kien ilu jsir rapport dwarhom
Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Vici-Sindku.

## 64.5 Rapporti;

64.5.1 Is-Sindku pprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali rakkomandazzjoni li l-bord mahtur mill-Kunsill Lokali ghamel b'konnessjoni ma' talba ghal hlas ta' danni li kienet garrbet sidt vettura fi Triq Has-Saptan kawza ta' hofor li kien hemm fl-istess triq.
Wara li inqrat ir-rakkomandazzjoni li kien ghamel l-imsemmi bord, gie deciz b'mod unanimu illi fid-dawl tal-fatt illi kien ghaddej xoghol fi Triq il-Brolli kif ukoll fid-dawl tas-sitwazzjoni tat-triq imsemmija, ir-rakkomandazzjoni tal-bord ma kelliex tigi milqugha u t-talba ta' sidt il-vettura kellha tigi milqugha.

64.5.2 Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz tar-rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu Jannar – Marzu 2019 ghad-diskussjoni u stieden lid-deputat Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega fid-dettall ir-rapport.
Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega r-rapport u wiegeb mistoqsijiet li sarulu mill-Kunsilliera, fuq proposta tal-kunsillier Stanley Zammit ssekondata mill-Kunsiller Alex Caruana, il-Kunsill Lokali b'votazzjoni unanima approva r-rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu Jannar – Marzu 2019.

64.5.3 Tressaq rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg diskussjoni mill-Kunsill Lokali bid-decizjonijiet ikunu s-segwenti:

- Gie deciz illi kienet diga ttiehdet decizjoni b'konnessjoni ma' e-mail li l-Kunsill Lokali kien ircieva ghal rilokazzjoni ta' bus shelter fi Triq San Patrizju
- Ma kelliex tigi milqugha talba ghal permess sabiex jintrama' kiosk bl-ikel bsiwit il-freeport
- Il-Kunsillier Stanley Zammit kellu jivverifika kienx possibbli li jsiru motorcycle bays fi Triq Santa Katerina.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat bi pjanti godda li l-Perit Sharon Mallia kienet hejjiet b'konnessjoni ma' progett relatat ma' basketball court fil-Bajja s-Sabiha li l-Kunsill Lokali kien qieghed jimplimenta flimkien mal-Awtorita' Maltija ghat-Turizmu.
- Is-Sindku kellu jiehu hsieb li jigi installat litter bin ghall-hmieg tal-klieb fi Triq il-Brolli wara talba li kien ircieva l-Kunsill Lokali/
- Ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghal talba li tressqet minn Banda Brizebbuga ghal armar ta' scaffolding quddiem il-kazin tal-istess ghaqda bil-ghan li jsiru xi xogholijiet.

- Kellha ssir spezzjoni bil-ghan illi tigi evalwata l-possibilita' illi tigi installata lampa gdida fi Triq is-Sebh.
- Minhabba ragunijiet logistici ma setghetx tigi milqugha talba ghal installazzjoni ta' soccer nets fil-bajja s-Sabiha.
- Wara li l-Kunsill Lokali gie pprezentat bi stimi li kienu ingabru, kien hemm qbil illi kellhom jigu ordnati tabelli bl-ismijiet tat-toroq minghand fornitur li kien ikkwota l-prezz ta' hamsa u erbghin ewro (45) VAT eskluz ghal kull tabella. Kellu jsir ezercizzju bil-ghan illi jigi determinat il-kwantita' ta' tabelli li kellhom jigu ordnati.
- Kellha tigi ordnata plakka ghall-prezz ta' mitejn u tnax il-ewro u erbghin centezmu (212.40) bil-ghan illi l-istess plakka titwahhalkellu japplika ghal skema li kienet inharget mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali permezz ta' SPI07/2019. L-applikazzjoni li kellu jiehu hsiebha l-Kunsillier Stanley Zammit kienet tikkoncerna finanzjament ta' apparat ta' sistemi ta' irrigazzjoni.
- Ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghal talba ghal permess ghal tinda fil-bajja s-sabiha bil-ghan illi ssir promozzjoni ta' materjal relatat ma vetturi.
- Kellha tigi mghoddija lill-Kunsilliera ghad-diskussjoni korrispondenza li l-Kunsill Lokali kien ircieva minghand Slackliner Malta.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jidhol ghall-ispiza relatata ma' xiri ta' personal tracker bil-ghan illi jigi ssorveljat ahjar ix-xoghol kuntrattwali li kienu jaghmlu l-kenniesa.
- Ma kellha tinstab ebda oggezzjoi ghal talba li kienet tressqet mill-Malta Basketball Association ghal attivita' fil-bajja s-sabiha.
- Ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghal applikazzjoni li kienet dahlet ghand l-Awtorita' tal-Ippjanar bil-ghan illi jitpogga kiosk f'misrah is-Summit.
- Gie deciz illi minflok ma tinghata remote ghal barrier li kien hemm fil-bajja s-sabiha, residenta kellha tigi infurmata illi kien ser ikun hemm cummunal reserved parking ghall-persuni bi bzonnijiet specjali f'Dawret il-Qalb Imqaddsa.
- Il-Kunsill Lokali ma approvax stima minghand GRC ltd. ghal servizzi fil-lokalita' liema stima kienet tammonta ghal ewro1486.80.

64.5.4 Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali management letter li l-Kunsill Lokali kien ircieva minghand l-udituri tal-Gvern ghas-sena kalendarja 2018 u r-risposta rispettiva li l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali flimkien mal-accountant kienet hejjiet. Is-sur Cutajar stieden lid-Deputat Segretarju Ezekuttiv sabiex jaghti spjegazzjoni dettaljata taz-zewg rapporti. Wara li s-Sur Hall spjega d-dokumenti u wiegeb ghal mistoqsijiet li sarulu mill-kunsilliera, fuq kunsiderazzjoni tal-Kunsillier Stanley Zammit ssekondat mill-Kunsiller Alex Caruana il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi kellu jibghat risposta ghall-management letter hekk kif imhejjija mill-amministrazzjoni.

Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qal illi dwar il-materja xtaq illi jirrimarka l-efficjenza tal-impjegata li kienet tassistih f'xoghol ta' accounting, is-Sa.Eleanor Manicaro ghall-fatt illi minkejja li kien hemm transizzjoni bejn is-Segretarji Ezekuttivi fil-perjodu tal-fieldwork, is-Sa. Manicaro rnexxielha minghajr diffikultajiet partikolari tiddiskuti mal-udituri l-materji li dwarhom intalbet konsultazzjoni. Is-Sindku u l-Kunsilliera qablu illi l-efficjenza tas-Sa. Manicaro ma setghetx titpogga f'diskussjoni.

64.5.5 Wara li l-Kunsill Lokali gie pprezentat bi stimi li kienu ingabru, kien hemm qbil illi kellu jigi ordnat xoghol minghand is-Sa. Doreen Mizzi bil-ghan illi titpogga hamrija u jinxtraw pjanti ghal pots li kien hemm fil-*promenade* tal-Qajjenza. L-istima ghax xoghol kienet tammonta ghal ewro1440.

64.5.6 Il-Kunsill Lokali qabel illi kellha tigi ordnata plakka kommemorattiva minghand Marindex Ltd. ghall-prezz ta' 212.40ewro bil-ghan illi titwahhal fiz-zona tal-Qajjenza u tfakkar progett li l-Kunsill Lokali implimenta fiz-zona.

## 64.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

64.6.1 Ma kienx hemm rapporti imressqa.

## 64.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

64.7.1 Is-Sindku Joseph Cutajar ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 05/19 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1).

64.7.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Stanley Zammit u ssekondata mill-Kunsillier Alex Caruana, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur *nem con*.

64.7.3 Is-Sindku Joseph Cutajar ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-*Petty Cash* għal April 2019 bir-riferenza 4/2019 (Anness Dok A2), li ġie ċċirkolat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

64.7.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Joseph Baldacchino u ssekondata mis-Sa.Josette Busuttil, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 64.8 Mozzjonijiet;

64.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq.

## 64.9 Traffiku u Parkeġġ;

Ma kienx hemm materji x'jigu diskussi

## 64.10 Applikazzjoni ta' Żvilupp;

64.10.1 Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali dokumenti relatati ma applikazzjoni numru PA/03697/19 li kienet tikkoncerna zvilupp fi Triq il-Girghien. L-applikazzjoni giet diskussa u kien hemm qbil illi kemm il-darba jkun possibbli il-Kunsill Lokali kellu jitlob illi parti mis-sit ma jinbeniex bil-ghan illi fiz-zona jkun hemm spazju ta' rikrejazzjoni.

64.10.2 Il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi kellu jzomm l-istess pozizzjoni b'konnessjoni ma' applikazzjoni ghal zvilupp bin-numru PA/03252/19, liema applikazzjoni kienet tikkoncerna pompa tal-petrol fi triq Hal Far u li l-Kunsill Lokali kien diga' iddiskuta fil-passat.

64.10.3 Wara diskussjoni libera, gie deciz illi kellu jintalab engineering report b'konnessjoni ma' applikazzjoni ghal zvilupp bin-numru PA/03636/19.

## 64.11 Street Lighting;

64.11.1 Il-Kunsillier Stanley Zammit spjega lill-Kunsill Lokali sitwazzjoni relatata ma' Street lighting fi Triq il-Brolli, liema sitwazzjoni kien hemm qbil dwarha fost il-Kunsilliera prezenti.

## 64.12 Attivitajiet;

64.12.1 Is-Sindku ta' informa lill-Kunsilliera prezenti bl-arrangamenti li kienu qieghdin isiru b'konnessjoni mal-attivita' Festa Nar li l-Kunsill Lokali flimkien mar-Regjun Nofinshar kien qieghed jippjana li jtella' matul Mejju 2019. Kien hemm qbil bejn il-kunsilliera prezenti illi x-xoghol kellu jimxi skont dak li kien gie ppjanat u propost mir-Regjun Nofsinhar.

64.12.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat kienu mexjin b'ritmu tajjeb ix-xogholijiet fuq il-promenade tal-qajjenza liema xogholijiet kienu ppjanati li jkunu lesti matul ix-xahar ta' Mejju 2019.

## 64.13 Offerti Pubbliċi u kuntratti;

64.13.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa li l-Bord tal-Evalwazzjoni għadu m'evalwax l-offerta relatata maż-Żamma u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi.

64.13.2 Is-Sindku enfasizza sabiex il-bord jiltaqa' u jagħlaq dan il-każ b'mod immedjat.

64.13.3 Id-Deputat. Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill lokali illi kien gie ffirmat il-kuntratt relatat mal-Offerta ta' Żamma u Manutenzjoni ta' Bankini

64.13.4 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa li l-Bord tal-Evalwazzjoni għadu m'evalwax l-offerta relatata maż-Żamma u Manutenzjoni ta' soft areas.

64.13.5 Is-Sindku enfasizza sabiex il-bord jiltaqa' u jagħlaq dan il-każ b'mod immedjat.

64.13.6 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa li l-Bord tal-Evalwazzjoni għadu m'evalwax l-offerta relatata ma' tisbih fi Gnien il-Kunsill.

64.13.7 Is-Sindku enfasizza sabiex il-bord jiltaqa' u jagħlaq dan il-każ b'mod immedjat.

## 64.14 Latrini Pubbliċi;

64.14.1 Ma kienx hemm materji x'jigu diskussi

## 64.15 Proġetti u Xogħlijiet;

64.15.1 Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali stimi ghal xiri ta' kurduna u pots. Is-Sur Cutajar zied jghid illi l-materjal kien qieghed jigi propost illi jinxtara bil-ghan illi jitkompla x-xoghol li kien inbeda fuq il-promenade biswit il-bajja s-sabiha. Segwiet diskussjoni libera, li matulha, numru ta' kunsilliera gibdu l-attenzjoni rigward il-fatt illi l-Kunsill Lokali qatt ma kien iddiskuta u approva l-qlugh ta' haxix li kien hemm fiz-zona. Fir-rigward, il-Kunsilliera gew infurmati illi x-xoghol kien sewa lill-Kunsill Lokali ewro5221.50, liema xoghol ma kienux ingabru stimi ghalih u ma kenitx inharget ordni ghax-xogholijiet. Wara diskussjoni animata, gie deciz illi filwaqt li l-kuntrattur li kien ghamel ix-xogholijiet kellu jithallas, b'effett immedjat kellu jieqaf ix-xoghol fiz-zona msemmija sakemm il-Kunsill Lokali ma jiddecidix mod iehor b'mod formali wara diskussjonijiet mal-perit tal-istess Kunsill Lokali.

## 64.16 Mili ta' postijiet Vakanti;

64.16.1 Is-Sindku ipprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali rapport imhejji mill-bord mahtur mill-istess Kunsill Lokali bil-ghan illi jimtela' l-post vakanti ta' Segretarju Ezekuttiv. Wara li gie diskuss ir-rapport imsemmi, fuq kunsiderazzjoni tal-Kunsillier Alex Caruana ssekondata mill-Kunsilliera Josette Busuttil u b'votazzjoni unanima, gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jiehu hsieb illi jinbeda' l-process amministrattiv bil-ghan illi s-Sur Mario Sant jinhatar Segretarju Ezekuttiv fi hdan il-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga.

## 64.17 Xoghol fil-bajja s-sabiha

64.17.1 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-materja kienet giet diskussa waqt l-istess seduta ( item 64.15.1).

## 64.18 Bus Shelters

64.18.1 Ma kienx hemm materji x'jigu diskussi

## 64.19 Hatra ta' Data Protection Officer

63.19.1 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi wara li fis-seduta precedenti giet diskussa l-materja, l-amminstrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet hadet hsieb illi jingabru stimi bil-ghan illi jigi maghzul *Data Protection Officer*. Segwiet diskussjoni libera relatata mal-ispiza marbuta ma' tali servizz in-vista tal-istimi li kienu ingabru. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali kienet habbret illi ma kenitx ser tibqa' toffri s-servizz ta' DPO temporanju. Segwiet diskussjoni li matulha kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi minkejja n-notifikazzjoni tal-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali kellu

jiddiskuti u eventwalment jahtar Data Protection Officer fil-legislatura li kienet ser tibda' tiffunzjona b'effett minn Lulju 2019.

## 64.20 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

64.20.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta , 17 ta' Gunju 2019 fl-4:30p.m.

Konfermati, illum 17 ta' Gunju, 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | ___________________ |
| Joseph Baldacchino | Duncan Hall |
| Vici Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |